MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Numru. 288/2001

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
GODWIN CASSAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Godwin Cassar, ta’ 53 sena, imwieled il-Belt Valletta nhar is-17 ta’ Jannar 1948, bin Edward u Olga nee’ Sammut, residenti Nru 34, Triq San Valentin, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 140748(M), u akkuzat talli fil-Furjana nhar id-19 ta’ Jannar 2001, u fil-gimghat ta’ qabel, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-Avukat Anthony Degaetano LL.D. weggghu bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor, liema kitba, figuri jew disinji gew imxandra jew kienu esposti fil-pubbliku, u dan ai termini tal-Artiklu 252(1)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, a fol 4, u tal-imputat, a fol 16, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kwerelant tat-12 ta' Novembru 2001 a fol 10 tal-process, ai termini tal-Artiklu 253(2)(B).

Rat l-eccezzjonijiet sollevati mid-Difiza u l-kwerelant fil-verbal tal-21 ta' Gunju 2002 u d-digriet tal-Qorti tat-18 ta' Lulju 2002, kif diversament preseduta.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kwerelant Dr Anthony Degaetano, a fol 460 et seq.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-Perit Godwin Cassar tal-10 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota responsiva tal-kwerelant tal-15 t'April 2004.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat id-diversi opportunitajiet li din il-Qorti tat lill-partijiet, kemm fil-bidu tal-proceduri kif ukoll b'mod specjali, fit-termini tal-proceduri sabiex l-imputati ikunu moghtija kull fakulta' li jilhqu soluzzjoni ghaqlija.

Rat li minkejja dan kollu, il-partijiet issoktaw dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' Josette Degaetano jirrizulta li bejn it-2 u t-3 ta' Jannar 2001, wara s-sitta ta' filghaxija, hija kienet semghet xi hsejjes minghand il-gara taghhom, u r-ragel taghha Dr Anthony Degaetano kien tela' jiccekkja l-affarijiet fuq il-bejt, pero' kien lahaq dalam u ma seta' jara xejn. L-ghada, Josette Degaetano kienet telghet fuq il-bejt tonxor il-hwejjeg, u semghet xi hsejjes minghand il-gara, u meta ttawwlet, rat trakk b'aperturi tal-aluminium mghobbija fuqu u xi nies ihottu dan ix-xoghol ghal ghand

il-gara taghhom. Illi ghaldaqstant, Josette Degaetano cemplet lil zewgha u nfurmatu b’dak li kien qed jigri. Josette Degaetano xehdet illi hija ghamlet hekk minhabba l-fatt illi l-gara taghhom suppost kienu mizmuma milli jkompli bix-xogholijiet, u dan in vista tal-proceduri pendenti fil-Qrati ta’ Malta.

Josette Degaetano xehdet, a fol 156 et seq, li zewgha kien cemplilha ftit wara u nfurmaha li kien avza’ lill-‘building inspectors’ fuq dan kollu:

**‘u mbaghad cempilli qisu xi nofsinhar, qalli gew, allright u daqshekk.’ (ara fol 156).**

Josette Degaetano xehdet illi l-gara taghhom kellhom ‘stop notice’ biex jieqfu minn kwalunkwe xoghol li setghu kienu qed jaghmlu. Mistoqsija kif taf dwar l-‘stop notice’, Josette Degaetano nfurmat lill-Qorti li hija kienet parti minn dawn il-kawzi fil-proceduri quddiem il-Qrati, u li zewgha Dr Degaetano kien qalilha dwar dan kollu.

Dr Anthony Degaetano, a fol 159 et seq, ikkonferma l-kwerela esebita a fol 5 tal-process, u xehed illi huwa kellu kwistjoni mal-girien tieghu. Din kienet tikkonsisti filfatt li dawn xtaqu jaghmlu xi bidliet fil-propjeta’ taghhom u kisbu permess biex jaghmlu dan. Illi x-xogholijiet bdew jitwettqu fis-sajf, stante li l-gara taghhom Raymond Farrugia u martu kienu t-tnejn ‘teachers’. Dan il-permess deher illi kien ghal emendi zghar fil-bini, u estenzjoni ta’ kamra zghira fuq wara, bidla zghira fil-‘front garden’ u estenzjoni ta’ garaxx. Dr Degaetano xehed illi ghadda z-zmien u beda jsir hafna hsara fil-propjeta’ tieghu. Dr Degaetano xehed illi darba minnhom kienu gew id-dar u anke sabu xi gebel li kienu waqghu gol-‘bedroom’ tat-tifla tieghu, u minkejja li gew infurmati mill-gara taghhom li dawn ix-xogholijiet kollha se jirrangawhom, Dr Degaetano xehed illi spicca li kellu jirrangahom huwa stess.

Illi in oltre, il-gara tieghu fetah bitha enormi interna, b’konsegwenza illi l-kmamar tas-sodda tieghu, il-‘living room’ u s-‘sitting room’ tieghu gew mghammra b’hajt singlu divizorju, u konsegwentement, gew esposti ghall-

elementi kollha, apparti l-fatt illi kienu qed jiksru r-regolamenti tas-sanita' illi jirrikjedi d-doblu f'tali sitwazzjoni. Dr Degaetano kompla jixhed is-segwenti:

'qabbadt lill-Perit Borg Grech u kien gab karta biex ikollu access ghall-file relattiv, u fittixna fil-file biex nara x'kien il-permess li kellhom, ghax id-deskrizzjoni li kellhom mal-hajt ma kienx jaqbel max-xogholijiet li kienu qed jaghmlu…u konna sibna illi l-unici bidliet illi kien hemm, kienu dawn it-tlett oggetti li semmejna u ma kienx hemm it-twaqqigh tal-bini, u kien hemm xi kmamar fuq il-bejt.' (ara xhieda a fol 160).

Dr Degaetano kompla jghid illi ghalhekk f'Settembru 2000, huwa kien ghamel ilment li kien qed isir hafna zvilupp li ma kienx kopert bil-permess lill-MEPA. Illi kien sar spezzjoni minn 'Enforcement Officer' Joseph Zammit, u inhareg 'stop and enforcement notice' fl-1 ta' Settembru 2000, (esebit bhala dokument B). Dr Degaetano xehed illi huwa beda jistenna li jkun hemm xi avvizi fuq il-gazzetti dwar xi appell mill-'enforcement notice' jew sabiex jigi sanat dak li kien hemm, izda:

**'ma kienx hemm ebda applikazzjoni u sussegwentement, pero', jien bdejt incempel ghax wiehed jista' jcempel biex ikun jaf il-moviment tal-file PA li semmejt qabel, PA1112/98, il-moviment tieghu. L-uniku differenza, li minflok incempel minn barra, kont icempel mill-ufficju tieghi, minn gewwa stess. U darba minnhom qaluli, iva, il-file qieghed jigi processat ghand il-case officer. U jien qedtilhom kif jista' jigi processat meta ma hemmx applikazzjoni? Ghax kieku dahlet applikazzjoni kont naqbad u naghmel l-eccezzjoni tieghi minhabba l-kwistjoni tas-sanita.'**

Dr Degaetano jkompli jghid:

**'mort niccekkja daqsxejn u kellimt lill-Perit li kien qieghed il-case officer dak iz-zmien, certu Mario Scicluna, u qalli l-file hemm ittra tal-Perit tieghu li kien il-Perit Jesmond Mugliett jew l-ufficcju tieghu ghax**

**kien hemm Mugliett and Associates, u kien hemm ittra illi l-klijent tieghu kien ghamel xi bidliet zghar u qed jitlob li jigu sanati mmedjatament.'**

Dr Degaetano kompla jispjega lill-'case officer' illi fil-kaz koncernat, it-tibdiliet ma kinux zghar u di piu', lanqas ma kienu relatati ma' dik l-applikazzjoni, stante illi kienu relatati mall-bini l-antik, u li ghaldaqstant, ma setghetx tghaddi bhala **'minor amendment'**.

Dr Degaetano jkompli jghid:

'niftakar dak il-hin stess qalli, u filfatt wara kkonfermajt, kien qalli le, ghax jien diga' kkomunikajt mal-Perit u mal-klijent tieghu u ghada stess ghandhom jigu jigbru l-permess, u jien niftakar kont qedtlu sa fejn naf jien ir-regola hija li ma thallu lil hadd jigbor il-permessi, it's a strict rule li dejjem naghmluha, tintbaghat bil-posta, qalli imma dawn jien cempiltilhom u gejja ghada.' (ara fol 162).

Dr Degaetano qal li wara dan, huwa kien mar ikellem lill-Perit Godwin Cassar u lill-Perit Stephen Farrugia, li qalulu li qed jaqblu mieghu, u li sahansitra, il-Perit Stephen Farrugia tah kopja tal-minuti li hu ghamel f'dan il-'file', li qeghdin esebiti bhala dokument C u D. Dr Degaetano xehed illi wara dan, huwa haseb li l-kaz ser ikompli miexi bi procedura normali sabiex hu jkun jista' jaghmel l-oggezzjonijiet tieghu, izda l-ghada, **'f'daqqa wahda kulhadd dar kontrija'** (ara fol 163), u gie nfurmat illi l-kaz ghadda quddiem id-Development Control Commission biex johrog il-permess. Dr Degaetano xehed illi fit-tahdita li kellu mal-Perit Godwin Cassar u Stephen Farrugia, l-imputat Cassar kien qallu illi jekk jinhareg il-permess, dan kellu johrog b'kundizzjoni li jittella' hajt mal-bitha. Dan kollu kien ukoll konfermat permezz ta' 'e-mail' esebita a fol 132. Illi ghaldaqstant, Dr Degaetano kellu jaghmel mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqaf din il-procedura rregolari u esebixxa dokument D u E, decizjonijiet tal-Qorti.

Dr Degaetano esebixxa dokument F, ittra tieghu miktuba lill-Kummissarju tal-Pulizija, sabiex jinvestigaw lill-konjugi Farrugia ghall-falsifikazzjoni f'dokumenti pubblici, fis-sens

li huma ddikjaraw li l-bidliet li kienu qeghdin iwettqu filfatt kienu diga’ ezistenti, mentri fir-realta’ meta accedew l-‘enforcement officers’ u hargu l-avviz ta’ twettiq, sabu li dawn kienu qed isiru dak iz-zmien stess. (ara xhieda a fol 164).

Dr Degaetano, a fol 165, xehed illi wara dan kollu kien cempillu Frans Tabone fejn kien infurmah illi d-DCC kienet bi hsiebha tohrog il-permess. Dr Anthony Degaetano rrispondieh illi l-mandat ta’ inibizzjoni kien gie milqugh u kienet ghaddejja l-kawza. Francis Tabone qallu li l-Perit Godwin Cassar kien infurmah illi huwa (Dr Degaetano) kien dispost li jirranga s-sitwazzjoni. Dr Degaetano xehed illi huwa kien informa lil Francis Tabone li ma kienx accetta li jkomplu ghaddejjin. Dr Degaetano qal illi meta fl-ahhar tas-sena kellu l-laqgha mal-Perit Godwin Cassar fuq l-andament tal-hidma tas-sena, id-Direttur kien ha l-opportunita’ biex jitkellmu fuq il-kaz:

**‘u d-Direttur qalli inti dispost li tirranga? Qedtlu jekk intom taghtuni soluzzjoni fejn nista’ nirranga jew taghmlu l-kaz li taghmlu l-hitan dobblu, qedtlu jien fuq kollox m’ghandix interess ta’ hdejja, basta li lili ma jirrekaliex danni. U bqajna hekk.’ (ara xhieda a fol 165).**

Dr Degaetano nforma lil Francis Tabone b’dan kollu, u talab sabiex ikellem lil Victor Torpiano. Francis Tabone nfurmah li dan ma setax isir ghaliex il-‘meeting’ tad-DCC ma kienx miftuh ghall-pubbliku, u Francis Tabone talbu biex jinfurmah permezz tal-‘fax’. Dr Degaetano, ghaldaqstant, iddecieda li jerga’ jmur lura u jkellem lil Victor Torpiano wicc imb’wicc. Il-Perit Victor Torpiano spjegalu li hu kellu nformazzjoni mid-Direttur illi huwa, cioe’ Dr Degaetano kien accetta kollox. Victor Torpiano wara li gie aggornat mill-kwerelant, infurmah li huwa ser iwaqqaf kollox, izda nfurmah illi l-‘file’ kien hadu Francis Tabone, u ghaldaqstant, huwa ma kienx ser ikun responsabbli jekk jinhareg il-permess dak il-hin stess. Dr Degaetano spjega illi in vista ta’ dan kollu, huwa kien kostrett li jintavola r-rikors ghad-disprezz tal-Qorti sabiex

iwaqqaf il-proceduri kollha li kienu ghaddejjin, u ghaldaqstant, esebixxa dokument G.

Dr Degaetano kkonferma x-xhieda ta' martu, kif fit-2 ta' Jannar bdew jisimghu t-tisbit pero' tela' fuq il-bejt u ma seta' jara xejn, u kif l-ghada mar ix-xoghol u rcieva telefonata minghand martu li nfurmatu illi kien hemm 'vann' b'haddiema jdahhlu l-aluminium tas-sular ta' fuq. Dr Degaetano xehed, a fol 168, illi huwa kien cempel lill-awtorita' pero' ma kien irrispondih hadd, u ghaldaqstant, mar l-ufficcju u kellem lil Joe Bonnici li kien il-'building inspector' tad-distrett koncernat:

**'qedtlu isma' inti taf li ghandi l-kawza tieghi personali u kont ghamilt complaint, etc etc, qalli iva naf biha. Qedtlu l-mara ghada kif cemplitli li hemm vann tal-aluminium illi qieghed idahhal ix-xogholijiet, qedtlu tista' inti tinvestiga biex tara x'qed jigri ghax inkwetanti ghalija li jkunu qed idahhlu x-xogholijiet meta hemm stop notice.' (ara fol 168).**

Joe Bonnici nforma lil Dr Degaetano li kien ser imur jinvestiga meta kien ser imur jaghmel ir-ronda tieghu fit-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar. Dr Degaetano jkompli jixhed:

**'u jien qedtlu mhux fit-tlieta u nofs, jien qed nghidlek li hemm in-nies bhalissa, mur iccekkja issa kif taghmlu meta xi hadd jirraporta li hemm xi attivita' ghaddejja.' (ara fol 169).**

Dr Degaetano xehed illi dak il-hin kien hemm is-'Senior Enforcement Officer' Joe Zammit, li qallu li kien ser imur iz-Zejtun fuq xi xoghol u allura kien sejjer jiccekkja huwa stess. Dr Degaetano kompla jghid illi Joe Zammit kien infurmah li ghamel l-ispezzjoni u sab illi l-konjugi Farrugia kienu accettaw xoghol ta' 'aluminium' stante illi l-haddiem ma setax izommhomlom aktar, pero' ma kien qed isir ebda twahhil.

Dr Degaetano xehed, a fol 169, illi dan kien ir-rapport illi huwa ghamel, illi sussegwentement, gie akkuzat bil-falsita'

tieghu. Dr Degaetano kompla jixhed illi mit-3 ta’ Jannar sad-19 ta’ Jannar, huwa kien f’kuntatt kontinwu mal-imputat Perit Godwin Cassar ghaliex huma kienu qed jahdmu fuq emendi tal-Att Numru 1 tal-1992. Dr Degaetano xehed illi fid-19 ta’ Jannar kien gie jsibu Matthew Gatt, cioe’ l-‘Assistant Director’ tal-Human Resources, u tah ittra mid-Direttur. F’din l-ittra tad-19 ta’ Jannar, Dr Degaetano gie akkuzat li huwa kien ghamel rapport falz u li dan l-agir ma kienx accettabbli. Dr Degaetano xehed, a fol 170, illi huwa dak il-hin lanqas biss ikkonnettja illi dak li kien qed jigi allegat kien ghar-rigward tar-rapport illi huwa kien ghamel fit-3 ta’ Jannar, u kien Matthew Gatt illi fakkru b’dan.

Dr Degaetano, a fol 171, jghid illi huwa mbaghad ipprova jitkellem direttament mal-imputat, pero’ dan ma sehhx, u ghaldaqstant, kitiblu ittra dokument F. In oltre, fl-istess ittra, qallu li skond il-‘collective agreement’ (Appendix J), huwa kien irid jigi moghti l-opportunita’ biex jiddefendi ruhu wara li jircievi l-informazzjoni dwar min qed jaghmel l-akkuzi, il-provi li hemm kontrih, u quddiem liema ‘board’ ser tinstema’ l-azzjoni dixxiplinarja. Dr Degaetano xehed illi huwa ma’ sema’ xejn aktar, hlief li mbaghad fl-24 ta’ Jannar, huwa rcieva ittra fejn gie nfurmat illi nstab hati illi ghamel rapport falz. Dr Degaetano xehed illi huwa rcieva din l-ittra fit-30 jew 31 ta’ Jannar, ghaliex dakinhar stess tant kien skonvolt illi qabad u kiteb ittra responsiva.

Dr Degaetano xehed illi sar jaf in oltre illi din il-materja kienet qed tigi diskussa fil-Planning Authority Board, u ghaldaqstant, talab li jkun prezenti waqt dawn id-diskussjonijiet. Meta mar rcieva l-ebda risposta, kien qabbad lil Dr Edward Gatt illi kien kiteb (dokument J), biex jinghata l-informazzjoni dwar minn fejn jirrizulta l-provi dwar il-cosi dett rapport falz. Dr Degaetano xehed illi fit-2 ta’ Frar 2001, kien kitiblu l-imputat Cassar, li nfurmah li l-intimazzjoni ta’ proceduri civili u proceduri kriminali ta’ libel, kienu ghalih totalment inaccettabli. Dr Degaetano xehed illi huwa gie nfurmat ukoll illi gie avzat li jekk huwa kien ser jippersisti b’din it-tip ta’ azzjoni kontra l-awtorita’, l-istess awtorita’ mhux se jkollha alternattiva ghajr li tiehu l-mizuri dixxiplinarji ulterjuri kontra tieghu. (ara xhieda a fol

173). Esebixxa wkoll dokument L, ittra mibghuta minn Dr Andew Borg Cardona, sabiex id-Direttur jaghtih l-informazzjoni kif wasal ghas-sejbien ta’ htija dwar akkuzi tar-rapport falz.

Dr Degaetano xehed illi **‘sadanittant kien kellimni l-membru tal-Parlament is-Sur Joe Mizzi’,** u li dan infurmah li kienu qed isiru allegazzjonijiet li huwa kien ghamel rapport falz. Illi ghaldaqstant, Dr Degaetano talab lil Joseph Mizzi sabiex jghaddilu l-minuti tal-‘board meeting’ tal-25 ta’ Jannar. Dawn gew esebiti bhala dokument H. F’din il-minuta, cioe’ minuta 2163, hemm indikat illi Dr Degaetano ghamel akkuzi foloz dwar il-propjeta’ tal-gara, u li d-Director of Planning kellu jinvestiga l-materja u jiehu l-azzjoni apposita fejn necessarja. Dr Degaetano kompla jghid illi ma setax jifhem tali affari ghaliex huwa kien diga’ nstab hati ta’ rapport falz fl-24 ta’ Jannar. Dr Degaetano qal li huwa prova jkellem lill-imputat Cassar diversi drabi, stante li dawn xorta wahda kellhom jibqghu jahdmu flimkien, izda dejjem ha r-risposta, **‘mhux inti bdejt bil-Qorti mbaghad’**.

Gie esebit ukoll dokument N, Memo minn Matthew Gatt u Dr Degaetano spjega li mbaghad il-materja tqajmet l-Parlament u giet rapurtata fuq il-gazzetti illi Jesmond Mugliett kien iddikjara li kien hemm ‘a high official’ fl-awtorita’ li kien l-Avukat tal-awtorita’ li kien qed jabbuza mill-pozizzjoni tieghu. Joseph Mizzi kien ukoll kiteb artiklu bhala rispons ghal dan, u l-PRO tal-awtorita’ Ivan Fenech kiteb ittra ohra in rispons ta’ dan kollu.

Dr Degaetano xehed, a fol 177, illi giet cirkulata dokument N, lill-membri tal-PA Board kollha, fejn fiha gew infurmati illi Dr Degaetano kien ghamel rapport falz, u kien instab hati ta’ dan kollu mid-Direttur. Dr Degaetano kompla jghid li minkejja huwa u l-imputat nel frattemp kellhom diversi laqghat ta’ xoghol, u minkejja l-isforzi tieghu sabiex jilhqu resoluzzjoni amikevoli fuq din il-materja, dan qatt ma sehh, u dana minkejja diversi ittri li ntbaghtu minnu u mill-Avukati tieghu. Dr Degaetano kompla jghid illi huwa sahansitra kien iccekkja mal-‘personal file’ tieghu wara li

ha permess biex jaghmel dan, sabiex jara li filfatt l-ittri tieghu kienu waslu ghall-attenzjoni tad-Direttur, u jidher illi mill-'personal file' tieghu, dawn l-ittri kienu filfatt waslu. Dr Degaetano xehed ukoll illi anke fuq rispons ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, huwa u l-Avukat tieghu Dr Edward Gatt kienu kitbu lill-imputat (ara dokument P), u rcevew l-ittra tas-7 ta' Lulju minn Dr Zammit Maempel sabiex jilhqu ftehim.

Dr Degaetano, a fol 179, xehed li huwa sahansitra mar ikellem lill-'building inspector' Joe Zammit, sabiex jiskopri jekk l-allegazzjoni tar-rapport falz bdietx minnu, u fil-prezenza ta' Dr Edward Gatt, Joe Zammit ikkonfermalu li meta kellem lid-Direttur fuq l-incident tat-3 ta' Jannar, Joe Zammit kien ikkonfermalu li wara r-rapport, huwa kien mar jinvestiga u sab kollox skond ma kien qallu hu. (ara xhieda a fol 179).

Joseph Mizzi, a fol 183, Membru Parlamentari, xehed li huwa membru permanenti fl-affarijiet tal-ippjanar, u xehed illi kien gie nfurmat illi kien hemm Segretarju Parlamentari li kien ghamel pressjoni fuq Enforcement Officer biex ma jihux passi kontra xi hadd li kiser il-ligi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, u allura huwa beda jinvestiga dan il-kaz. Xehed illi kien veru li sab xi affarijiet illi **'jidhru li huma rregolari'** (ara fol 184).

Joseph Mizzi xehed illi per ezempju, sab xi tbabis fil-pjanti, u ghaldaqstant, kien semma' dan il-kaz ta' abbuz fil-Parlament. Joseph Mizzi xehed illi s-Segretarju Parlamentari kkoncernat filfatt kien irrisponda b'referenza ghall-ufficjal gholi tal-Awtorita' tal-Ippjanar, fejn qal illi l-affarijiet kienu diversi u kien hemm min abbuza u affarijiet bhal dawn (ara xhieda a fol 184).

Joseph Mizzi kompla jghid li dan il-kaz kompla jizvolgi fuq il-mezzi tax-xandir, waqt programmi fuq ir-radju u pubblikament, u rrizulta li r-referenza kienet qed issir ghall-Avukat Degaetano.  Joseph Mizzi xehed illi huwa baqa' jinsisti lill-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar tohrog il-verita', u huwa xehed illi kienu qed jinghadu certu affarijiet li ma kinux veru, fosthom illi l-Avukat tal-Awtorita' tal-

Ippjanar kien zbaljat meta ghamel kawza kontra l-Awtorita’ tal-Ippjanar ghaliex huwa kien jahdem mal-istess awtorita’. Joseph Mizzi xehed, a fol 185, illi huwa baqa’ jinsisti li jigu murija d-dokumenti kollha fil-‘board’ halli kulhadd ikun jaf l-istorja kollha. Joseph Mizzi kompla jghid illi kien sar diskors mill-Bord tal-Ippjanar li kienet saret xi dikjarazzjoni falza u li jinvestigaw.

A fol 186, Joseph Mizzi xehed li dan id-diskors kien qalu kemm id-Direttur u kif ukoll ic-Chairman, u dan fil-laqgha li saret fil-25 ta’ Jannar 2001. Dr Joseph Mizzi sostna, a fol 188, li huwa beda jghid li kien hemm ‘frame-up’ ghaliex minkejja illi fil-25 ta’ Jannar 2001 il-‘board’ kienu qed jghidu li jridu jinvestigaw, jidher li fl-24 ta’ Jannar, id-decizjoni kienet diga’ ttiehdet kontra Dr Degaetano (ara dokument JM1). Joseph Mizzi xehed, a fol 190 u 191, illi l-‘frame-up’ kontra l-Avukat Degaetano komplja jikber ghaliex kien twarrab u tnehhewlu r-responsabbilitajiet kollha tal-kariga tieghu, u dan bla ebda raguni valida.

Joseph Zammit, a fol 193, Senior Enforcement Officer fuq il-parti tan-nofsinhar ta’ Malta, xehed illi l-awtorita’ kienet irceviet ilment illi x-xoghol ta’ bini ma kienx skond il-permess mahrug, u ghaldaqstant, huwa flimkien ma’ Enforcement Officer tal-‘area’, ghamlu spezzjoni biex jinvestigaw u nfatti hargu ‘enforcement’ u ‘stop notice’ fuq il-propjeta’. Din l-‘enforcement notice’ qeghda esebita bhala dokument B u hija datata 1 ta’ Settembru 2000. Joseph Zammit xehed illi dan l-ilment kien sar minn Dr Degaetano li qalilhom mill-ewwel illi huwa xtaq jaghmel ‘complaint’ bhala cittadin normali u mhux bhala Avukat tal-Planning Authority. Infatti Dr Degaetano flimkien mal-Perit tieghu, kien ghaddielhom xi dettalji li ma kinux jaqblu mal-pjanti tal-permess.

Joseph Zammit, Building Inspector xehed illi mill-hrug tal-‘stop notice’ f’Settembru 2000, sa Jannar 2001, huwa personalment qatt ma kien ghamel spezzjoni fuq dan is-‘site’. L-Enforcement Officer l-iehor tal-‘area’ tal-Gudja kien Joseph Bonnici. Joseph Zammit xehed illi ma kienx jaf jekk Joseph Bonnici kienx iccekkja s-‘site’ f’dan il-

perjodu. Mitlub jispjega x’gara fit-3 ta’ Jannar 2001, Joseph Zammit xehed is-segwenti:

**‘dik id-data li qed insemmi, l-Avukat kont hiereg mal-Enforcement Officer l-iehor fuq bicca xoghol ohra, u kif konna fil-foyer, Dr Degaetano ghajjatli, qalli ‘Joe ha nkellmek wahda’, qedtlu ‘yes’, qalli ‘n-neighbour tieghi, qalli, cemplitlu l-mara li aktarx qed iwahhal l-aluminium ghax ghandu n-nies tal-aluminium hemmhekk, qalli u l-bierah filghaxija smajt xi tismir, qalli jimporta tmorru taraw’, qedtlu ‘mela le’, qalli ‘dan huwa bhala complaint jien’, u ghajjatt lil Joe Bonnici li huwa l-Enforcement fuq dak l-area u qedtlu ‘imxi ha mmorru naraw ukoll’…qedtli ‘dalghodu hemm il-haddiema tal-aluminium qedtli, u ma nafx jekk hux qed iwahhal l-aluminium jew le, qedtli jimporta tmur tivverifika’. (ara fol 195).**

Joseph Zammit xehed li huma accedew fuq il-post u sabu tnejn mill-haddiema tal-‘aluminium’ hergin minghand il-gar ta’ Dr Degaetano, rikbu fil-‘vann’ u kienu sejrin. Joseph Zammit xehed illi huma, ghaldaqstant, accedew ghal ghand il-koppja Farrugia, gara ta’ Dr Degaetano, fejn ivverifikaw jekk kinux ser iwahhlu dan l-‘aluminium’, u hadu r-risposta li dan l-‘aluminium’ kien ilu zmien ordnat, u li gie konsenjat ghandu biex jitqieghed id-dar, u filfatt Joe Zammit xehed li rah stivat fil-garaxx tal-koppja Farrugia. Joseph Zammit xehed illi staqsihom dwar it-tahbit tal-gurnata ta’ qabel u li ha r-risposta li huma sammru xi ‘plastic’ mat-twieqi li kien inqala’. Joseph Zammit xehed illi huwa kien rega’ mar lejn l-awtorita’ u nforma dan kollu lil Dr Degaetano.

Mitlub jghid kemm-il darba rrizultalux illi kien hemm xi haga skorretta mir-rapport illi kien tah, Joseph Zammit xehed illi l-‘aluminium’ kien hemm stivat. Joe Zammit innega li Dr Degaetano ghamillu rapport li kienu ghaddejjin ix-xogholijiet (ara xhieda a fol 197). Joseph Zammit xehed illi huwa gie mitlub mill-imputat Cassar biex jaghmel rapport f’dan il-kaz, u hekk ghamel. Ir-rapport gie esebit u mmarkat bhala dokument JZ1 li jinstab a fol 201 tal-process. Joseph Zammit xehed illi huwa ghamel

spezzjoni darbtejn biss fuq dan is-‘site’, darba meta nharget l-‘stop notice’ u mbaghad fit-3 ta’ Jannar. Xehed ukoll illi d-data tar-rapport tieghu hija tat-12 ta’ Jannar 2001.

Joseph Zammit xehed illi apparti dan ir-rapport, hadd ma talbu jaghmel rapporti ohra u qatt ma deher quddiem xi ‘board’ dwar dan ir-rapport (ara xhieda a fol 199 tal-process). Joseph Zammit gharaf li skond l-‘enforcement procedure manual’ tal-Planning Authority, dokument JZ2, meta jinhareg ‘stop and enforcement notice’, il-post irid jigi sorveljat regolarment darba fil-gimgha, jew ‘as the situation so requires’, izda ma kienx jaf dwar dan.

Joseph Farrugia, a fol 211 et seq, Ufficjal tal-Awtorita’ tal-Ippjanar, gie mitlub jaghti l-movimenti tal-‘file’ 889/2000 u dan mit-3 sal-24 ta’ Jannar 2001. Joseph Farrugia xehed illi l-‘file’ kien qieghed ghand Victor Torpiano f’dan iz-zmien, u li l-‘file’ mar ghand il-Perit Godwin Cassar fit-2 ta’ Marzu 2001. Joseph Farrugia xehed illi huwa gibed il-‘file’ fit-30 t’April 2001, ghaliex kellu jixhed dwaru l-Qorti, u mbaghad il-‘file’ rega’ mar ghand l-imputat Godwin Cassar.

Fl-1 ta’ Settembru 2000, il-‘file’ mar ghand l-Enforcement Officer, mar ghand is-Senior tieghu fl-4 ta’ Settembru u mbaghad rega’ mar ghand Joe Bonnici fil-5 ta’ Settembru. Irrizulta li Joe Bonnici ghamel minuti u rapport ta’ meta hareg l-‘enforcement notice’ u ghamel rapport li kien instab permezz tal-kompjuter. Ghar-rigward tal-file 1112/98, dan gie esebit bhala JF2 a fol 238, pero’ jidher li hemm xi dati zbaljati, li huma mmarkati bil-‘biro’.

Joseph Bonnici, a fol 218, Enforcement Officer il-Gudja, ikkonferma li huwa hareg l-‘enforcement notice’ 889/2000. Joseph Bonnici xehed illi kien impossibli li tissorvelja s-‘sites’ kollha li fuqhom hemm ‘enforcement notice’ kull gimgha ghaliex kellu mija u disgha u disghin wahda. Joseph Bonnici xehed illi l-‘enforcement file’ ittiehed minn ghandu fil-25 ta’ Settembru. Joseph Bonnici cahad illi l-Perit Godwin Cassar qatt kellmu personalment fuq xi

rapporti foloz bejn it-3 ta' Jannar u l-24 ta' Jannar 2001 (ara xhieda a fol 221).

Joseph Bonnici cahad li xi ufficjali nvestigaw ghar-rigward xi fatti fuq dan il-kaz, jew li talbu xi kopja ta' xi rapport. Bonnici kkonferma illi Dr Degaetano kien ghamel ir-rapport jew ilment, u kien ukoll iddetta l-'enforcement notice' izda li hu, (cioe' Joe Bonnici), ma kienx qabel ma certu affarijiet u kien bidel xi affarijiet. Joseph Bonnici xehed illi r-rapport li sar minn Dr Degaetano ma sarx lilu personalment izda sar lis-Senior tieghu Zammit, u li dan tal-ahhar qallu li kien hemm rapport li qed jigu suppliti xi twieqi 'on site'. Joseph Bonnici kkonferma pero' illi l-affarijiet li eventwalment hargu fuq l-'enforcement notice' kien kuntent bihom ghaliex mar u vverifikahom 'on site'. Joseph Bonnici kkonferma illi fis-sitt snin li huwa ghamel bhala Enforcement Officer, Dr Degaetano qatt ma ddettalu 'enforcement notices' hlief dan.

Ivan Fenech, a fol 227, Public Relations Officer mal-MEPA, ikkonferma li huwa kien kiteb artiklu fuq it-Times, u kkonferma l-'cutting' tat-Times a fol 63 tal-process, bhala wahda miktuba minnu. Mitlub jaghti d-dettalji tal-evidenza li l-awtorita' kellha **'to justify the disciplinary action it has taken'**, Ivan Fenech irrisponda, **'jien m'ghandix din l-evidenza'**, u li dik l-informazzjoni kienu ghaddewhielu s-Superjuri tieghu, l-imputat Godwin Cassar u c-Chairman Chris Falzon. Aktar tard, ix-xhud Ivan Fenech spjega s-segwenti:

**'normalment inkun ghamiltha l-format tieghi, inkun ircevejt l-informazzjoni, tajtha l-format tieghi u tkun approvata mis-Seniors tieghi.' (ara xhieda a fol 230).**

Ivan Fenech ma setax jiftakar jekk kienx l-imputat Cassar jew ic-Chairman li ghaddielu din l-informazzjoni. Xehed ukoll illi ma kellux xi 'e-mails' biex jivverifika. Ivan Fenech xehed illi ma jiftakarx min bghatlu din l-informazzjoni, minkejja l-fatt li jumejn wara, Dr Degaetano kien heddu b'libell (ara xhieda a fol 231). Jaf zgur pero' illi rrefera lil Dr Degaetano ghas-Superjuri tieghu Director of Planning. Ivan Fenech xehed illi l-ufficcju tieghu huwa sitwat

ezattament faccata tac-Chairman tieghu u l-uffuccju tad-Direttur, cioe' l-imputat, kien f'bini iehor separat, u li l-komunikazzjonijiet tieghu huma primarjament mac-Chairman (ara xhieda a fol 232).

Anton Zahra, Chief Information Officer mal-MEPA, a fol 273 et seq, ikkonferma l-awtenticita' ta' dokument DG1 a fol 237, u dokument DG a fol 236, u dan fix-xhieda tieghu a fol 273 u 274.

Francis Tabone, Segretarju mal-MEPA, fuq ordni tal-Qorti esebixxa l-minuti tal-PA Board tal-25 ta' Jannar 2001 bhala dokument T, a fol 241 et seq. Francis Tabone kkonferma minuta 2163 li tghid is-segwenti:

**'The Executive Committee was concerned dwar l-agir ta' Dr Degaetano li ma setax jiddistingwi bejn fil-funzjoni tieghu ta' cittadin privat u dak ta' Avukat tal-Awtorita' u effettivament id-Direttur tal-Ippjanar kellu jinvestiga u jiehu l-appropriate action necessary.'**

Ikkonferma wkoll illi r-referenza ghal Dr Degaetano f'dik il-minuti kienet ghall-kwerelant. Il-minuti tal-25 ta' Jannar saru b'referenza ghall-'meeting' illi sar fit-18 ta' Jannar. Ix-xhud Francis Tabone ma setax jiftakar min gibed l-attenzjoni tal-Executive Committee ghal dan il-kaz. Francis Tabone kompla jghid, a fol 178, illi n-notamenti li kellu filfatt kien sabhom u jirriflettu l-minuti dokument T u xejn iktar. Francis Tabone esebixxa dokument TI li huma n-notamenti tieghu li gew mghoddija lis-segretarja tieghu sabiex tittajpjahom, u li n-notamenti originali gew distrutti mis-segretarja tieghu. Francis Tabone xehed, a fol 280, illi prezenti ghall-Executive Committee, kien hemm ic-Chairman Christopher Falzon, id-Deputy Chairman Victor Torpiano, Edwin Muscat u d-Direttur tal-Ippjanar il-Perit Cassar.

Francis Tabone kkonferma illi l-minuti tal-laqgha tat-18 ta' Jannar imbaghad gew moqrija fil-'board meeting' tal-25 ta' Jannar. Illi dawn il-minuti, u cioe' dokument T a fol 241 et seq, jikkontjeni mhux biss il-minuti tal-Executive Committee li sehh fit-18 ta' Jannar, izda wkoll jikkontjenu

xi rimarki li saru fl-istess 'meeting' tal-25 ta' Jannar 2001. Francis Tabone anzi komplja jghid illi l-kumment: **'A board member remarked that investigation should include all others who abused of their position.'** (ara xhieda a fol 282 u 283), kien sar minn Joe Mizzi. Francis Tabone ma setax jiftakar jekk fil-laqgha tal-25 ta' Jannar kienx sar xi diskors dwar l-investigazzjonijiet jew sejbien ta' htija ta' xi persuna.

Matthew Gatt, a fol 301, Direttur tal-Corporate Services mal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar, xehed illi huwa definittivament ma kien involut fl-ebda decizjoni li ttiehdet kontra Dr Degaetano, u kkonferma biss illi huwa kien gie mqabbad biex jikkonsenja l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 lill-istess Dr Degaetano. Ikkonferma li huwa kien involut biss fl-aspetti tal-procedura relevanti biss u mhux fil-mertu. Ikkonferma li huwa ma rax rapporti ta' Dr Degaetano qabel ma ttiehdet id-decizjoni. Matthew Gatt lanqas seta ' jiftakar jekk Dr Degaetano kienx staqsieh ghal xiex kienet tirreferi dik l-ittra.

Fit-tieni xhieda tieghu, Matthew Gatt, a fol 308 et seq, esebixxa dokument MG, li kien dokument relevanti u li kellu access ghalih (ara fol 311-314). Matthew Gatt ma setax jiftakar jekk kienx huwa wkoll illi kien ikkonsenja l-ittra tal-24 ta' Jannar lil Dr Degaetano.

Christopher Falzon, a fol 315 et seq, Chairman tal-Planning Authority ghas-sena 2000 u 2001, ma setax jiftakar min kien qajjem il-kwistjoni tar-rapport falz fl-Executive Board Meeting tat-18 ta' Jannar 2001. Mistoqsi biex jghid x'jiftakar dwar il-kaz u dwar id-decizjoni li ttiehdet, xehed is-segwenti:

**'jigifieri jien kont nitkellem mad-Direttur, kont nitkellem man-nies li kellhom x'jaqsmu maghha u mas-Segretarju tal-Board; naf li kienet komplikata li wara ftit lanqas stajt nifhem minn fejn tibda' u minn fejn tispicca; jigifieri that's as far as I can remember.'**

Chris Falzon xehed, a fol 316 u 317, li ghalkemm kien involut fid-decizjoni, ma jistax jiftakar id-dettalji. Chris

Falzon xehed illi kien jiftakar li din l-istorja kien qajjimha Joe Mizzi fil-‘board’, u li kien hemm hafna argumentazzjoni u diskussjonijiet. Chris Falzon xehed illi kien hu illi awtorizza l-ittra tal-PRO Officer. Chris Falzon ma setax jiftakar jekk Dr Degaetano kienx ikkomunika mieghu permezz ta’ ‘e-mail’ dak iz-zmien. Chris Falzon xehed illi l-‘e-mail’ dokument DGX, a fol 320, jiftakarha vagament u dehrlu li ma kienx irrispondiha, u dan ghaliex **‘is-sitwazzjoni kienet tant komplikata li kull haga li tipprova taghmel tkompli tikkomplika l-affarijiet.’** Muri dokument DGX1, Chris Falzon jghid li ma jiftakarhiex.

Victor Torpiano, a fol 326, ikkonferma li huwa kien Deputy Chairman u Chairman tad-Development Control Commission fis-sena 2001. Victor Torpiano ma ftakarx min qajjem il-kwistjoni tas-Senior Legal Council a konjizzjoni tal-Executive Committee fil-‘board meeting’ tat-18 ta’ Jannar 2001, pero’ ftakar li kien ic-Chairman Christopher Falzon illi qal lid-Director of Planning biex jinvestiga. Victor Torpiano xehed illi d-Direttur tal-Ippjanar kien il-persuna li kien responsabbli ghall-impjegati u li l-impjegati jirrispondu lilu. Victor Torpiano kkonferma li fil-‘meeting’ tal-25 ta’ Jannar 2001, ma saret ebda diskussjoni. Spjega wkoll li l-Executive Committee qieghed hemmhekk biex jiltaqa’, ihaffef ix-xoghol, jezamina dokumenti u jirraporta lill-‘board’ billi jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet, u s-Segretarju jiehu l-minuti tal-Executive Committee u jirraporta lill-‘board’ fis-seduta plenarja. Illi ghalhekk il-minuti tal-Executive Committee jkunu riflessi fil-minuti tal-‘board’ plenarju. (ara xhieda a fol 328).

Victor Torpiano xehed, a fol 329, illi li jiftakar fuq dan il-kaz huwa:

**‘li d-Direttur kien irraporta li kien sab li kien minnu illi kien hemm pressjoni minn naha tas-Senior Legal Counsel u li kien kiteb biex jghid isma’ dan jista’ jkollu konflitt ta’ nteress. Is-sugu kienet dik li niftakar li rraporta.’ (ara fol 329).**

Victor Torpiano xehed illi dehrlu li kien qabel il-'meeting' tal-25 ta' Jannar meta d-Direttur qal li kellem lill-Enforcement Officer dwar il-kaz, li kien jitratta fuq xi twieqi tal-'aluminium'. L-Enforcement Officer kien mar u ma sabx li kien qed jigi lmentat. (ara xhieda a fol 330). Victor Torpiano kkonferma li kien hemm kwistjoni fuq xi hajt li ma kienx mibni bil-'bricks' izda kien tal-kantun, u ghalhekk mhux skond il-ligi sanitarja, u li s-Sanitary Engineering Officer kien issuggerixxa li tidhol kundizzjoni u li hu (Torpiano) kien ikkwerja din il-materja ghaliex qatt ma hargu permessi b'tali kundizzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet, u kien ghalhekk illi filfatt hu baghat lura l-'file' ghand id-Direttur biex jara r-raguni ghaliex, u lid-Direttur kien qallu, **'halli nippruvaw nizblukkaw is-sitwazzjoni'.** (ara xhieda a fol 330).

Edwin Muscat, a fol 332, Direttur Generali fil-Ministeru tal-Finanzi, u Membru tal-Bord tal-MEPA u Membru tal-Executive Committee, innega li huwa kellu x'jaqsam ma' xi decizjoni li ttiehdet kontra Dr Degaetano, u kkonferma li huwa **ma kienx prezenti ghall-'meeting' indikat lilu. (ara xhieda a fol 333)**.

L-imputat Godwin Cassar, a fol 429, xehed illi kien hemm kwistjoni ghaddejja bejn Dr Anthony Degaetano u l-gara tieghu Farrugia, u li fih Dr Degaetano kien qed jallega illi kellu hajt divizorju li kien qed jigi espost f'bitha li giet mibnija f'dak iz-zmien:

**'jien sirt naf b'dan il-kaz jigifieri ghax Dr Degaetano kien qed jaghmel rapprezentazzjonijiet fl-ufficcju lill-Case Officer u anke lill-Assistant Director, u c-Chairman kien tani struzzjonijiet biex nipprova nindahal fil-kaz u nara nsibx soluzzjoni.' (ara fol 429).**

Illi ghalhekk huwa kien iltaqa' ma' Dr Degaetano u l-ewwel suggeriment li kien ghamel kien illi **'let's say jinhareg xi forma ta' permess lill-gara tieghu, ikun hemm kundizzjoni li dan ghandu jtella' hajt dobblu fi zmien tlett xhur minn meta johrog il-permess'**, izda meta marret quddiem il-Kummissjoni tal-Kontroll tal-Izvilupp, din ir-rakkomandazzjoni ma gietx accettata u ntbaghat il-'file'

lura. Sar it-tieni ‘meeting’ ma’ Dr Degaetano u waslu fi ftehim illi huwa jaghmel rakkomandazzjoni li l-permess johrog **‘without prejudice of third party litigation’.**

A fol 429, l-imputat Godwin Cassar xehed illi l-kwistjoni marret quddiem il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp u r-rakkomandazzjoni tieghu ma gietx accettata u l-‘file’ ntbaghat lura. Illi ghaldaqstant huwa rega’ ltaqa’ ma’ Dr Degaetano u waslu fi ftehim li **‘naghmel rakkomandazzjoni li l-permess johrog without prejudice to the institution of third party litigation.’** Kien kellem ukoll lic-Chairman tad-DCC sabiex jikkunsidraw din il-kundizzjoni **‘u ghamilt ftehim ma’ Dr Degaetano minhabba li kien hemm l-ingunzjoni mill-Qorti illi ma jkunx hemm diffikulta’ jekk il-kummissjoni ghall-kontroll tal-izvilupp tapprova dan il-permess; illi hu accetta minn naha tieghu li jirtira l-proceduri li kien hemm quddiem il-Qorti.’** (ara xhieda a fol 430).

L-imputat kompla jixhed illi l-Kummissjoni kienet approvat din ir-rakkomandazzjoni u meta Dr Degaetano gie infurmat bl-approvazzjoni da parti tal-kummissjoni, huwa nnega kwalunkwe ftehim illi kien ghamel mieghu, cioe’ mal-imputat. Xehed illi huwa ma kellu ebda nteress fil-kaz partikolari semplicement illi kien qed jipprova jsib soluzzjoni ghaliex ic-Chairman kien qallu **‘its getting out of hand’**, tant kienu qed jinqalghu komplikazzjonijiet minhabba n-nies involuti (ibid).

Illi mbaghad l-imputat intalab biex jaghmel investigazzjoni dwar l-involviment ta’ Dr Degaetano apparti litigazzjoni li kellu ma’ ‘third parties’ rigward l-indhil tieghu fil-proceduri tal-awtorita’ u ghaldaqstant, kien ghajjat lill-Enforcement Officer Joe Zammit. Dan kien infurmah li Dr Degaetano kien talbu biex jinvestiga xi xogholijiet li kienu qed isiru fuq il-post minghajr permess, qallu li dan il-‘complaint’ qed isir fil-vesti tieghu privata, insista mieghu hafna li jmur dak il-hin ghax qallu **‘dawn f’hakka t’ghajn jistghu jtellghu sular shih jew jaghmlu xi xogholijiet li mhumiex koperti bil-permess.’** Infatti Joe Bonnici, Enforcement Officer, kien irrispondih li se jmur wara nofsinhar, izda Dr

Degaetano kien insista mieghu li ahjar imur dak il-hin stess milli wara nofsinhar, u effettivament hekk sar. Xehed illi meta l-Enforcement Officers marru fuq il-post, sabu xi trakk b'xi haddiema illi kienu semplicement qed jiddepozitaw xi 'aluminium frames' tat-twieqi ghand il-gara ta' Dr Degaetano u effettivament **'irrizulta illi mhux veru kienu ghaddejjin xi xogholijiet ta' kostruzzjoni minghajr permess**.' (ara fol 430).

L-imputat Cassar xehed li b'rizultat ta' dan kollu, huwa kien informa lil Dr Degaetano illi kienu saru dawn l-allegazzjonijiet li fl-opinjoni tieghu ma kinux veritieri:

**'kien hemm exchange ta' korrespondenza mieghu jigifieri u ddecidejt li effettivament nohrog warning letter li dan l-agir ma kienx accettabbli ghall-awtorita'. Ma kinux proceduri dixxiplinarji per se, ghax kieku saru proceduri dixxiplinarji kif titlob il-collective agreement, suppost jien hrigt the formal charge, tajtu ghaxart ijiem zmien jirrispondi, imbaghad niddeciedu jekk ghandux jigi sospiz ix-xoghol. Effettivament ma sarx hekk, addottajna a summary procedure u hrigtlu biss a warning letter.' (ara fol 431).**

L-imputat Cassar ikkonferma l-'e-mail' tas-26 ta' Settembru 2000, u xehed illi dik l-'e-mail' kienet tirreferi ghall-ewwel ftehim li sar bejnu u bejn l-imputat, fejn huwa kien irrakkomanda lill-Kummissjoni tal-Izvilupp illi jkun hemm kundizzjoni li l-applikant jehel multa tax-xogholijiet li jaghmel minghajr permess, u li jkun hemm kundizzjoni li tistipola li ghandha titla' qoxra bl-irdobblatura fi zmien tlett gimghat mill-hrug tal-permess. Pero' kkonferma wkoll li kien hemm ftehim ulterjuri wara dan u cioe' dak tat-12 t'Ottubru 2000, fejn hu kien irrakkomanda u nforma lill-kummissjoni tal-Izivilupp li Dr Degaetano kien qabel li jirtira l-proceduri l-Qorti jekk johrog permess bil-kundizzjoni minghajr **'prejudice to third party litigation'**. (ara fol 431).

L-imputat xehed illi jiftakar li kien hemm konversazzjoni bejn Frans Tabone u Dr Degaetano fejn Dr Degaetano kien innega kompletament li kien intlahaq ftehim. L-

imputat xehed ukoll li ma jiftakarx iktar f'dik il-konversazzjoni bejn Dr Degaetano u Frans Tabone, izda jaf illi Dr Degaetano ried ikellem lic-Chairman tad-DCC.

Mitlub, a fol 433, biex jghid kemm-il darba irrispondiex ghall-ittra ta' Dr Degaetano prezentata a fol 51 tal-process, l-imputat xehed illi huwa rrispondieh bl-ittra tieghu tal-24 ta' Jannar 2001, li biha huwa nforma lil Dr Degaetano li l-agir tieghu kien inaccettabli. Mitlub jghid jekk kemm-il darba rrispondiex ghall-ittra li baghat Dr Edward Gatt u Dr Andrew Borg Cardona bejn id-19 u l-24 ta' Jannar, l-imputat irrisponda illi dehrlu li rrispondewha l-Avukati tieghu. Mitlub jghid minn fejn inizjat l-allegazzjoni tar-rapport falz, l-imputat xehed is-segwenti a fol 435:

**'jien ma niftakarx min qalli ezatt, biss li nista' nissapponi hu peress li effettivament saret l-ispezzjoni fuq il-post u tkellmu mal-gar tieghek, u qalulha ghalfejn marru, sar xi complaint lill-ufficju tac-chairman u c-chairman qalli 'investiga', I mean ic-chairman qalli biex nindahal fil-kaz, this was the source of the information.'**

L-imputat xehed illi Joe Zammit kien ghamillu l-'memo' pero' apparti li kien ghamillu l-'memo' kien kellmu. Mitlub jghid jekk regax kellmu wara li l-konversazzjoni u l-kontenut tal-'memo' ma kinux jaqblu, l-imputat ma setax jiftakar jekk regax kellmu. (ara fol 436).

L-imputat xehed illi l-kontenut ta' dak illi Dr Degaetano qal lill-Enforcement Officer kien filfatt fix-xhieda tal-istess Dr Degaetano tal-5 ta' Marzu 2001 quddiem l-Imhallef Magri, fejn Dr Degaetano qal illi huwa kien cempel lill-Enforcement Officer jew avvicina lill-Enforcement Officer, infurmah li kien hemm il-haddiema jew it-trakk fuq il-post biex imorru jinvestigaw, jekk dan hux ser jibda' jew ikomplux bix-xogholijiet in kwistjoni, li ghamillu premura biex imur u li qallu **'mur investiga issa biex taraw ghax dawn biex jitla' f'nofs ta' nhar jista' jitla' kollox'**. L-imputat xehed illi dawk kienu l-kliem li Dr Degaetano qal lil Joe Zammit u dawk kienu l-kliem li Joe Zammit qal lilu (ara xhieda a fol 437 u dokument GC). Illi in oltre, il-

kontenut tax-xhieda li Dr Degaetano kien ta quddiem l-Imhallef Magri kien ukoll ikkontenut fir-risposta tad-19 ta' Jannar 2001 li l-istess Dr Degaetano ta lill-imputat. (ara xhieda a fol 438).

L-imputat xehed illi l-informazzjoni li kellu kien dak illi Dr Degaetano kien qal lill-Enforcement Officers cioe' biex imorru jaraw jekk tlestiex xi xoghol ghaliex **'jistghu jtellghu sular'**; l-implikazzjoni li kien qed isir zvilupp minghajr permess. L-imputat xehed illi effettivament dan ma kienx hekk. L-imputat ikkonferma li lil Joe Bonnici ma kellmux, izda li r-rapport tieghu kien rah. Mitlub jghid jekk ghamilx xi nvestigazzjoni dwar xi movimenti tal-'file' koncernat, l-imputat xehed illi rrizultalu li fis-16 t'Awissu 2000 il-'file' kien qieghed immarkat fuq Dr Degaetano, u gie esebit dokument GC1. Mitlub jghid jekk kienx hemm ittra ghal awtorizzazzjoni ghal dan mill-Perit tieghu mill-Perit Borg Grech, l-imputat xehed illi ma jafx.

Matthew Gatt, a fol 450, ikkonferma illi l-imputat huwa ufficjal tal-MEPA.

Joseph Zammit, a fol 451, ikkonferma li huwa Senior Enforcement Officer mal-MEPA. Huwa rega' gie mistoqsi biex jghid precizament x'kien ir-rapport li Dr Degaetano kien ghamel lilu, u kkonferma ix-xhieda precedenti tieghu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta (ara xhieda 451-454), bi ftit divergenzi.

Joe Bonnici, a fol 455-458, ikkonferma li huwa Enforcement Officer mal-MEPA u kkonferma x-xhieda precedenti tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti wara li gharblet bir-reqqa x-xhieda prodotta, wara li fliet ukoll ix-xhieda tal-protagonisti kollha ta' dan il-kaz, anke fil-proceduri quddiem il-Qrati Superjuri (liema proceduri gew annessi u nseriti f'dan il-process), hi tal-fehma li dan il-kaz huwa wiehed illi gie minfuh sproporzjonalment sakemm lahaq proporzjonijiet kwazi surrejali. Diversi fatturi hadmu flimkien biex sar dan, inkluz

il-fatt illi l-kaz in ezami huwa parti zghira minn saga twila dwar permess PA1112/98 u l-'enforcement procedures' 889/2000, fuq proceduri teknici ta' kif jinhareg permess; kif jigu klassifikati infrazzjonijiet; u kif jigu sanzjonati.

Illi fatturi ohra illi kkomplikaw il-kaz huma l-istess kariga tal-imputat u tal-kwerelant, li t-tnejn li huma 'public officers', l-imputat b'diversi dmirijiet bhala Direttur tal-Ippjanar fi hdan il-MEPA, u diversi dmirijiet inkluz struzzjonijiet mic-Chairman tieghu, u l-kwerelant, li waqt illi kien Ufficjal Pubbliku gholi fil-hdan tal-istess MEPA, kien ukoll parti nteressata fil-process tal-permess, fl-'enforcement action' u fl-applikazzjoni ghal sanar ta' allegat infrazzjonijiet.

Illi kien ghal dawn il-motivi kollha, kif ukoll minhabba l-konsegwenzi serji li setghu jeminaw minn sensiela ta' kazijiet li jfaqqsu mic-cirkostanzi li jiccirkondaw dan il-kaz, li l-Qorti ghamlet hilitha sabiex tipprova twassal lill-partijiet ghal soluzzjoni onorabbli u xierqa ghall-kaz.  Izda minkejja dawn l-isforzi, u minkejja d-diversi opportunitajiet moghtija, is-soluzzjoni baqghet elussiva.

Dak li pero' ser jibqa' stampat fil-memorja ta' din il-Qorti huwa l-oltracc profond u s-sens ta' tradiment kbir li z-zewg partijiet ghandhom fil-konfront ta' xulxin, u dawn is-sentimenti kienu palpabbli u tangibbli fid-durata kollha tal-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet ta' fatt:**

Illi l-fatti kif svolgew fil-kaz bhala retroxena sal-ittra tad-19 ta' Jannar 2001, huma dawk kontenuti fir-'record about litigation' li jinstab a fol 64-71.

Ix-xhieda dwar kif u meta u x'intqal meta sar il-'complaint' minn Dr Degaetano lill-Enforcement Officers, giet mismugha ripetutament, giet miflija dettaljatament anke ad nauseaum, u l-fatti huma carissimi:

Dr Degaetano ghamel 'complaint' lill-Enforcement Officers dwar attivita' li kienet ghaddejja fid-dar tal-gara tieghu

Farrugia meta kien hemm 'stop notice' fuq din il-propjeta'. Din l-attivita' kienet tikkonsisti fl-ikkonsenjar permezz ta' trakk, ta' aperturi tal-'aluminium', u l-hatt taghhom minn xi haddiema. Din l-attivita' kienet segwiet lejl fejn instema' hsejjes ta' tisbit. Dan kien ir-rapport li ghamel Dr Degaetano u talab lill-Enforcement Officers jinvestigaw. Dan ir-rapport sar bhala cittadin kwalunkwe u mhux fil-vesti ta' Avukat tal-awtorita'.

Il-parti tax-xhieda mill-aktar kontestata bejn il-partijiet dwar jekk intqalx il-kliem **'u jien qedtlu Joe tmur tinvestiga issa biex taraw ghax dawn biex jitla', f'nofs ta' nhar jista' jitla' kollox.'** (ara fol 444), u lil min u meta ntqal, fir-realta' ma jaghmilx wisq differenza, ghaliex hija modo di dire **<u>li turi biss biza' li jista' jsir xi haga llegali. Ghalhekk sar ir-rapport</u>.**

Il-fatt li dawn l-aperturi ma kinux qed jitwahhlu, il-fatt illi ma kienx qed isir ebda xoghol iehor, ma jiccentra xejn. Dan qieghed jinghad ghas-semplici raguni illi wiehed jaghmel rapport tal-kwalita' li ghamel il-kwerelant sabiex precizament l-awtorita' jew l-ufficjali taghha tmur tinvestiga. Tali nvestigazzjoni saret minn Joseph Zammit u minn Joseph Bonnici tal-awtorita' li rrapurtaw li nfatti ma sabu ebda frazzjoni ta' xi regolamenti.

Il-fatt pero' li ma rrizultawx il-frazzjonijiet tar-regolamenti **ma jirrendix** u **qatt ma seta' jirrendi r-rapport li ghamel Dr Degaetano bhala wiehed falz**. Lanqas ma jirrendih inveritier, skorrett, jew hazin.

L-imputat bl-ittra tieghu tad-19 ta' Jannar 2001, u dik tal-24 ta' Jannar 2001, iddecieda ghal ragunijiet komplessi u anke sensibili li jaghti lill-imputat **'a written warning'**. Il-materja ta' kif inghata dan ir-'written warning' jew jekk gewx segwiti l-proceduri ezatti skond ir-regolamenti li jidhru f'Appendix J (ara fol 45-50), mhumiex ser jigu ssindikati minn din il-Qorti stante li dawn huma meritu ta' azzjoni ohra quddiem Qorti ohra.

Johrog car pero', illi l-prejokkupazzjoni tal-ufficjali gholja tal-MEPA (inkluz l-imputat), kien fuq kwistjoni ferm aktar

ampja u serja mill-'written warning' illi l-imputat, hazin jew tajjeb, hareg kontra l-kwerelant. Infatti c-Chairman odjern, il-Perit Victor Torpiano, mistoqsi jiftakarx fuq l-investigazzjonijiet li saru dwar ir-rapport falz, ifissirha b'mod l-aktar semplici u elokwenti:

**'Id-Direttur kien irraporta li kien sab li kien minnu illi kien hemm pressjoni minn naha tas-Senior Legal Counsel u li kien kiteb biex jghid isma' dan jista' jkollu konflitt ta' nteress. Is-sugu kienet dik li niftakar li rraporta.' (ara xhieda a fol 329).**

Di piu', fil-minuta 2163 (ara fol 53-54), dak li kien ikkoncerna lill-membri tal-Executive Committee ma kienx ir-rapport u l-falsita' o meno tieghu izda s-segwenti:

**'The Executive Committee expressed concern that Dr Degaetano did not distinguish between his function as a private citizen, and that of the authorities's lawyer. And his actions could have been interpreted as an abuse of his position.'**

Infatti, l-istess Executive Committee talab lid-Direttur tal-Ippjanar (cioe' l-imputat) biex jinvestiga, u dan johrog car mill-minuta 2163. Din l-investigazzjoni ma kinitx dwar ir-rapport u l-falsita' o meno tieghu, izda jekk dak li sar minn Dr Degaetano kienx sar b'abbuz tal-pozizzjoni tieghu jew b'kunflitt ta' nteress. Tant hu hekk illi l-'board member' (li Frans Debono jghid li kien l-Onor. Joseph Mizzi, waqt li l-istess Onor. Mizzi jikkonferma a fol 387) irrimarka li jekk kellhom isiru xi nvestigazzjonijiet, dawn kellhom jinkludu lil kull min qieghed jabbuza mill-pozizzjoni taghhom (u mhux min kien qieghed jaghmel rapport falz o meno).

Di piu', jirrizulta ppruvat (ara xhieda kemm ta' Frans Tabone u kif ukoll ta' Victor Torpiano illi spjega l-proceduri tal-Executive Committee u dawk tal-Bord Plenarju (a fol 326-328)), illi l-minuta 2163 kienet raportagg tal-laqgha tal-Executive Committee li sehhet fit-18 ta' Jannar 2001, liema minuti gew moqrija fis-sezzjoni plenarja illi sehhet fil-25 ta' Jannar 2001 fejn ukoll gie rapurtat ir-rimarka tal-Onor J.Mizzi.

Illi dan kollu huwa rifless kemm fin-noti ta’ Frans Tabone tal-Executive Committee tal-2001, fejn f’dokument T1 a fol 269 li qeghda numerata 4.2, kif ukoll fil-minuti tal-Plenary Session tal-25 ta’ Jannar 2001 (ara dokument T a fol 244 u 245).

Illi ghaldaqstant, fil-qosor jidher car illi fl-Executive Committee illi fil-laqghat tat-18 ta’ Jannar 2001, talab lid-Direttur tal-Ippjanar biex jinvestiga jekk dak illi ghamel Dr Degaetano kienx b’abbuz tal-pozizzjoni tieghu bhala Avukat tal-Awtorita’. Illi ghalhekk ma kien hemm ebda konfoffa jew kongura jew manipular ta’ xi dati li sehh minn xi hadd kontra l-kwerelant, u certament ma kien hemm ebda ordni ta’ nvestigazzjoni fuq l-imputat rigward rapport falz li giet moghtija **wara** illi l-imputat ha xi decizjoni fuq il-kwerelant.

Din il-Qorti, in oltre, ma tista’ bl-ebda mod tissindika jew b’xi mod iehor tezamina l-agir ta’ Dr Degaetano u jekk dak li sar sarx b’konflitt ta’ nteress fil-kariga tieghu jew b’abbuz ta’ poter, stante li dan huwa meritu ta’ kawza ohra li hemm ghaddejja fil-Qorti tal-Magistrati kif diversament preseduta. Din il-Qorti temmen pero’ illi l-‘written warning’ illi l-imputat ghamel permezz tal-ittra tieghu tad-19 u l-24 ta’ Jannar 2001, kien motivat sabiex jigu ‘short circuited’ investigazzjonijiet ulterjuri fuq il-kwerelant ghar-rigward ta’ allegat ta’ abbuz ta’ poteri. Dan johrog car bl-amarezza li biha l-imputat kien informa lill-Qorti:

***‘ma kinux proceduri dixxiplinarji per se, ghax kieku saru proceduri dixxiplinarji kif titlob il-collective agreement, suppost jien hrigt deformal charge, tajtu ghaxart ijiem zmien jirrispondi, imbaghad niddeciedi jekk ghandux jigi sospiz mix-xoghol. Effettivament ma sarx hekk, addottajna a summary procedure u hrigtlu biss a warning letter.’ (ara xhieda a fol 431).***

**Konsiderazzjonijiet ta’ dritt:**

Illi qabel din il-Qorti ma tindirizza l-meritu tal-kawza, trid qabel xejn tezamina l-oggezzjonijiet tad-Difiza ghal

produzzjoni tax-xhieda tal-imputat Godwin Cassar tal-25 ta' Gunju 2003 quddiem l-Imhallef Valencia, liema oggezzjoni tinstab fil-verbal tal-24 ta' Settembru 2003 (ara fol 288 u 289). Il-Qorti rat id-digriet taghha fejn irriservat li tipprovdi waqt li ordnat illi jigi allegat ix-xhieda kollha fil-kawza citat numru 1356/01GV.

Illi din il-Qorti waqt li tirrijafferma d-dritt kardinali ta' kull imputat li jaghzel li jixhed f'kaz bhal dan in ezami, hi tal-fehma illi galadarba l-imputat ghazel minn rajh illi jitla' fuq il-pedana tax-xhieda, allura ma jistax ikun hemm ebda raguni valida ghaliex din il-Qorti ghandha tiskarta xhieda ohra moghtija quddiem Tribunal iehor rigwardanti l-istess materja. Kien ikun ferm devers kieku l-imputat ghazel is-silenzju.

Illi ghaldaqstant, tammetti x-xhieda tal-imputat Cassar tal-25 ta' Gunju 2003.

Illi fil-meritu, il-punti legali u krucjali f'dan il-kaz huma s-segwenti:
(1) jekk l-ittri mqanqla bil-verbal tad-19 u l-24 ta' Jannar 2001 humiex **'komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici'** ergo priveligjati taht l-Artiklu 33(b) tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta
(2) jekk mhumiex hekk priveligjati jissustux l-elementi essenzjali tar-reat adebit lill-imputat: u cioe'
a. pubblikazzjoni
b. identifikazzjoni
c. defamazzjoni

Ikkunsidrat:-

Illi qabel ma jigu ndirizzati dawn il-materji, jehtieg li din il-Qorti l-ewwel tiddelinja l-perametri tal-ligi operanti f'dan il-kamp ta' ligi. Illi d-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirrigwardjaw il-malafama mahsuba taht il-Kodici Kriminali huma s-segwenti:- Artiklu 252 tal-Kap 9 jipprovdi:

***'(1) kull min, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd, iwegghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, disinji jew b'xi mod iehor, jehel meta jinstab hati, il-piena ta'***

***priguneria ghal zmien mhux aktar minn tlett xhur jew multa.'***

L-Artiklu 253(1) tal-Kap 9 jipprovdi:

***'L-imputat ta' delitt imsemmi fl-ahhar Artiklu qabel dan ma jistax, biex jehles mill-htija, jipprova li l-fatt attribwit ghal persuna offiza huwa veru jew maghruf minn kulhadd.'***

In oltre, l-Artiklu 253(2) tal-Kap 9 jipprovdi:

***'Izda l-prova tal-verita' tista' ssir:-***
***(a) jekk l-offiz ikun ufficjal jew impjegat pubbliku u l-fatt attribwit lilu jkollu x'jaqsam mal-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu u jekk l-imputat, fil-bidu tas-smiegh tal-kawza, jiehu r-responsabbilita' tal-ingurja u jiddikjara li bid-Difiza tieghu, irid jaghmel il-prova tal-verita' tal-fatti attribwiti minnu lill-offiz; izda din id-dispozizzjoni ma tghoddx f'kaz ta' reati kontemplati fl-Artiklu 93 u 95***
***(b) jekk il-kwerelant jitlob formalment li fis-smiegh tal-kawza jigi wkoll zgurat jekk hux veru jew falz il-fatt attribwit lilu.'***

Illi fit-12 ta' Novembru 2001, il-kwerelant talab formalment li jigi applikat l-Artiklu 252(b) fil-proceduri odjerni.

Issa, l-Artiklu 256(1) tal-Kap 9 jipprovdi:

***'F'kazijiet ta' ngurja li ssir bil-mezzi tal-istampa, jghoddu d-dispozizzjonijiet tal-att dwar l-istampa.'***

Mill-banda l-ohra, l-Artiklu 33(d) tal-Press Act, Kap 248 jipprovdi:

***'Ma' tista' tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjonijiet li gejjin:-***
***(a) omissis***
***(b) pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici, jew bejn***

***ufficjali u kuntratturi bhal dawk ta' servizz pubbliku, jew ufficjali tal-korporazzjonijiet pubblici…omissis.'***

Illi mill-espozizzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-ligi li jistghu japplikaw ghall-kaz, johrog car illi jrid isir ezami dwar il-mezz jew il-manjiera li biha saret l-allegat ingurja. Dan il-ghaliex jekk l-allegat ingurja sar bil-mezz tal-istampa jghoddu tad-dispozizzjonijiet tal-att dwar l-istampa, u f'mankanza ta' dan, jghoddu u japplikaw l-Artikli 252-256 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li bihom gie mixli l-imputat.

Illi l-allegat ingurja giet trasmessa permezz ta' ittra dattilografata maghmula mill-imputat u mibghuta lill-kwerelant tramite Matthew Gatt. Dak li trid tezamina l-Qorti, hu jekk saritx il-pubblikazzjoni jew ix-xandir ta' din l-ittra jew l-import taghhom kif kontemplata mill-ligi, u f'kaz li saret din il-pubblikazzjoni, hemmx ness dirett bejn tali pubblikazzjoni u l-imputat.

Illi mix-xhieda ga ndikata aktar 'l fuq, ma hemm dubju ta' xejn illi l-kontenut tal-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 giet trasmessa mill-imputat direttament lil Matthew Gatt li gie maghzul minnu biex jikkonsenja l-ittra tad-19 ta'Jannar 2001 lill-kwerelant. Illi di piu', ghalkemm mix-xhieda tal-istess Gatt kif ukoll mix-xhieda tac-Chairman Chris Falzon kien hemm lakuni sostanzjali fil-memorja dwar min approva l-ittra li dehret fit-Times of Malta fis-17 ta' Marzu 2001, huwa evidenti illi l-PRO Officer Gatt kien jirrispondi direttament lic-Chairman jew lid-Direttur tal-Ippjanar, u cioe' l-imputat. Matthew Gatt ma johloqx  u ma kienx johloq ittri di sua sponte ghal pubblikazzjonijiet fil-mezzi tax-xandir.

Di piu', ix-xhieda ta' dan il-process, b'mod specjali ghax-xhieda ta' Frans Tabone u dak ta' Victor Torpiano, tindika b'mod car illi r-responsabbilita' tal-impjegati kienet taqa' taht il-mansjoni tal-imputat u mhux tac-Chairman. Infatti, dan tal-ahhar jghid:

<u>'nassumi li jien kont tajt il-go ahead ghal din l-ittra wkoll.'</u>

Illi, ghaldaqstant, ghalkemm ma hemmx provi sgjaccanti li kien l-imputat li fformola u approva x-xandir tal-ittra tat-Times tas-17 ta’ Marzu 2001, din il-Qorti tara li hemm dak in-ness dirett bejn l-imputat u l-ittra tat-Times tas-17 ta’ Marzu. Illi apparti dan kollu, huwa evidenti li l-ittra tad-19 ta’ Jannar giet imdahhla fil-‘file’ tal-Human Resources tal-Awtorita’, ‘file’ li huwa accessibli ghall-impjegati awtorizzati, u l-import tal-ittra tad-19 ta’ Jannar giet inserita fil-‘memo’ (ara fol 64-71), liema ‘memo’ giet iccirkolata lill-membri tal-bord tal-awtorita’, fosthom l-Onor. Joseph Mizzi.

Illi d-definizzjoni ta’ pubblikazzjoni tidher fl-Artiklu 2 tal-Kap 248 li tipprovdi:

***‘Pubblikazzjoni tfisser kull att li bih kull stampat jigi jew jista’ jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna, jew li bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra;***

***‘stampat’ tfisser kull kitba stampata b’tipi tipografici jew bil-litografija jew b’mezzi jew processi ohra bhal dawn fuq karta jew sustanza ohra, kif ukoll f’kull kartellun jew avviz iehor li jitwahhal li jkun fih xi sinjal jew kitba miktuba, stampata, impingija, risaltata, jew xorta ohra mpressa, u tinkludi kull diska, tape, film jew mezz iehor li bih kliem jew immagini vizwali jistghu jinstemghu, jitwasslu, jew jigu riprodotti;***

***‘xandir’ tfisser it-trasmissjoni permezz ta’ fili jew minn gewwa l-arja, inkluza wkoll permezz ta’ satellita, f’ghamla modifikata jew mhijiex; ta’ kliem jew immagini vizivi, sew jekk dawk il-kliem jew immagini jkunu filfatt ricevuti minn xi persuna sew jekk le.’***

Illi in oltre, il-Qorti rat u ezaminat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet b’mod specjali n-nota responsiva tal-kwerelant (ara xhieda a fol 486-489), u dik ta’ l-imputat (a fol 478 et seq), u taqbel perfettament ma’ dak li gie sottomess fir-referenza ta’ Gatley on Libel and Slander fejn dan jghid:

***'In order to constitute publication, the matter must be published to a third party, and not simply to the plaintive…a communication of the defamatry matter to the person defamed, cannot injure the reputation, though it may wound his self-esteem. A man's reputation is not the good opinion he had of himself, but the estimation on which others hold him.'***

Izda certament ma tistax taqbel mal-ahhar paragrafu tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-imputat (a fol 478) fejn gie allegat illi l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 giet mibghuta mill-imputat lill-kwerelant biss. Lanqas ma taqbel ma' dak sottomess mill-imputat (a fol 480 tan-nota tieghu), fejn a tenut tal-Artiklu 23 tal-Kap 248, gie sottomess illi l-azzjoni kriminali tista' tittiehed biss kontra l-awtur tal-kitba jew kontra l-editur, u cioe', li l-azzjoni kriminali setghet tingieb kontra l-PRO tal-Awtorita' tal-Ippjanar u mhux l-imputat (mifghum li l-ebda azzjoni kriminali ma giet intavolata kontra l-editur).

Bir-rispett, din il-Qorti li semghet u ezaminat ix-xhieda voluminuza f'dan il-process, ma' tista' b'ebda mod titfa' l-'**authorship'**, u ghaldaqstant, ir-responsabbilita' tal-ittra tat-Times of Malta tas-17 ta' Marzu 2001, fuq semplici PRO tal-Awtorita', meta jirrizulta mix-xhieda u huwa universalment mifghum illi PRO jippublika dak li jghidulu u li jigi approvat mid-dirigenti tieghu; meta d-dirigenti tal-awtorita' huma l-imputat u c-Chairman; meta l-mansjoni tal-impjegati tal-awtorita' jaqa' fuq spallejn l-imputat.

Illi, ghal dawn il-motivi, il-Qorti hi tal-fehma illi f'dan is-sens, ghal dak li jirrigwardja l-ittra tas-17 ta' Marzu 2001, jissussisti l-ilment ta' pubblikazzjoni kif trid il-ligi f'dan il-kaz.

Illi l-Qorti mbaghad trid tghaddi ghall-kwistjoni dwar jekk l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001, kif ippublikata waqt il-laqgha plenarja tal-25 ta' Jannar, u kif ippubblikata fit-Times of Malta tas-17 ta' Marzu 2001, kinitx komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici, u ghaldaqstant, privileggjata taht il-Press Act, ai termini tal-Artiklu 33(b) tal-Kap 248.

L-imputat, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (ara fol 478 u 479), issottometta li skond id-Development Plan Act (Act 1 tal-1992), **'kull membru, ufficjal, impjegat tal-awtorita' jew ta' xi bord kostitwit taht l-att, jitqies ghal finijiet tal-ligi penali, bhala ufficjal pubbliku.'** Id-Difiza sostniet ukoll li kemm l-imputat kif ukoll il-kwerelanti kienu mpjegati mal-awtorita'. Illi l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001, li hija l-bazi tal-procedura odjerna, giet mibghuta mill-Perit Cassar fuq ittra ufficjali tal-awtorita' u fil-vesti tieghu tal-ghola ufficjal investigattiv fl-awtorita' lill-kwerelanti, u kienet marbuta max-xoghol jew impjieg tieghu. Illi l-ittra kienet twiddiba u minacca ta' azzjoni dixxiplinarja skond l-Appendici J tal-Ftehim Kollettiv, u giet mibghuta biss lill-impjegati tal-istess awtorita'. Illi ghalhekk, l-ittra kienet **'pubblikazzjoni konsistenti f'komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici'** u konsegwentement, **'ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwarha skond l-Artiklu 33(b) tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.'**

Illi l-kwerelanti, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu (ara fol 460-475), u fin-nota responsiva tieghu (ara fol 486 et seq), jirribatti illi dawn ir-ragunamenti ma jregux ghaliex:
(a) l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 ma kinitx komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici maghmula fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom, izda komunikazzjoni bejn ufficjal pubbliku u 'complainant' privat li hu wkoll ufficjal pubbliku;
(b) il-ghaliex il-cosi dett komunikazzjoni giet diskussa u mxandra anke ma' nies li ma kinux ufficjali pubblici;
(c) il-ghaliex il-komunikazzjoni kienet <u>l-ittra nnifisha</u> izda mhux xandir iehor oltre din l-ittra jew x'kien fiha din l-ittra (a differenza tad-dibattiti parlamentari u r-rapurtagg tal-istess) imsemmija f'paragrafi ohrajn fl-Artiklu 33 tal-Kap 248;
(d) il-ghaliex il-komunikazzjoni bejn l-ufficjali pubblici trid tkun fil-kapacita' taghha u mhux fl-affarijiet personali taghhom;
(e) il-ghaliex il-komunikazzjoni bejn l-ufficjali pubblici trid tkun komunikazzjoni ufficjali, regolari u wahda valida skond il-ligi.

Ikkunsidrat:-

Il-Qorti, qabel xejn, tifhem illi l-ittra tad-19 ta’ Jannar 2001, li hija l-bazi ta’ dawn il-proceduri, tinkwadra ruhha taht ‘**komunikazzjoni’** ai termini tal-Artiklu 33(b) tal-Kap 248 u mhux taht ‘**dikjarazzjoni’** fl-istess sub-inciz.

Illi l-Artiklu 16 tad-Development Planning Act (Act 1 tal-1992) jiddisponi s-segwenti:

***‘For the purposes of the Criminal Code and of any provision of a penal nature in any other law, the members of the authority and of any committee, board, commission or other body established by this act, and every officer or employee thereof, shall be deemed to be and treated as a public officer.’***

Illi ghalhekk, u b’referenza ghal paragrafu B fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-kwerelanti (ara fol 461 u 463-465), mifghum li l-akkuza migjuba kontra l-imputat taqa’ fil-kamp kriminali, u li l-ittra tad-19 ta’ Jannar 2001 hija ‘**komunikazzjoni’** ai termini tal-Artiklu 33(b), isegwi illi x-xandir u diskussjoni tal-meritu tal-ittra lill-membri tal-Executive Committee fil-laqgha tat-18 ta’ Jannar 2001, kif ukoll lill-Onor. Joseph Mizzi fil-laqgha plenarja tal-25 ta’ Jannar 2001 (siccome li l-Onor. Mizzi kien membru ta’ bord istitwit u stabbilit taht l-Att 1 tal-1992), ghandu prima face jitqies bhala komunikazzjoni lill-Public Officers u ergo privileggjati.

Illi dan gie ritenut pjenament fil-kawza Dr Mario Scerri vs Spettur Sharon Tanti, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-2 t’April 2003, fejn intqal:

***‘Infatti, l-istess Kap 248 jikkonsidra fl-istess Artiklu 33 li anke komunikazzjoni wahda bil-miktub bejn zewg persuni tikkostitwixxi pubblikazzjoni ta’ stampar fis-sens li trid il-ligi, u dan billi ezenta minn kull azzjoni tali komunikazzjoni jekk tkun saret bejn ufficjali pubblici.’***

Dan gie deciz fl-isfond ta’ komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici fi hdan id-Dipartiment tas-Sahha u fi hdan id-

Dipartiment tal-Gustizzja, liema komunikazzjonijiet imbaghad gew inkorporati fl-inkjesta.

Illi, in oltre, il-Qorti taghraf l-insenjament moghti mill-Appell Kriminali fis-sentenza Pulizija vs Joseph Sciberras Et tal-20 ta' Jannar 1997:

***'Fejn il-ligi riedet li certu pubblikazzjonijiet jew komunikazzjonijiet ikunu privileggjati, fis-sens li ebda azzjoni ma tista' tittiehed dwarhom, dan qalitu espressament.'***

Dan kollu pero' qieghed jinghad kemm-il darba l-Qorti rrizultalha illi l-materji kollha mqanqla fin-nota tal-osservazzjonijiet u fin-nota responsiva tal-kwerelant, ma jxejnux il-privilegg ampju moghti mill-istess Artiklu 33(b) tal-Kap 248.

X'inhuma dawn il-materji?

Illi l-kwerelant, fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu u fit-trattazzjoni, jaghmel diversi konsiderazzjonijiet, jaghti diversi restrizzjonijiet jew kwalifiki ghad-definizzjoni ta' **'komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici'**, b'referenza ghall-eccezzjoni kontemplata fl-Artiklu 33(b) tal-Kap 248.

Infatti, fil-paragrafi A u D tal-istess nota (ara fol 460, 461, 462, 465, 466, 467 u 468), jasserixxi illi l-komunikazzjoni trid tkun mhux biss bejn Public Officers, izda tali komunikazzjoni trid tkun giet moghtija bhala parti mill-funzjoni taghhom qua Public Officers; illi fil-kaz odjern, il-kwerelant kien qieghed jagixxi bhala 'complainant' privat ghalkemm kien ufficjal pubbliku u kien qieghed jipprotegi u jitratta fuq affarijiet personali, u ghalhekk tali komunikazzjoni ma setghetx tgawdi mill-privilegg moghti mill-ligi.

Illi bl-istess manjiera, il-kwerelant issottometta illi tali komunikazzjoni trid tkun wahda ufficjali u regolari u wahda skond il-ligi (ara paragrafu C a fol 461 u 465 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-kwerelanti).

Ikkunsidrat:-

Illi bir-rispett, l-Artiklu 33(b) tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jippresupponi l-ebda wahda minn dawn il-kundizzjonijiet, konsiderazzjonijiet jew kwalifiki meta jitkellem fuq publikazzjoni ta' komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici, ghalkemm jaghti diversi kwalifiki ghal dak illi jirrigwardja dikjarazzjonijiet maghmula minn ufficjali pubblici. Infatti, l-Artiklu 33(b) tal-Kap 248 jghid semplicement li:

***'Ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwar…pubblikazzjonijiet li jikkonsistu f'komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici.'***

Illi din il-Qorti ghalhekk tifhem illi meta si tratta ta' publikazzjoni ta' komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici, <u>anke in pessima ipotesi wahda manifestament zbaljata jew ingusta</u>, ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwar il-pubblikazzjoni taghha. Dan ma jfissirx li l-ingurjat ma ghandu l-ebda rimedji ohra skond il-ligi (infatti l-kwerelanti pprevalixxa ruhu minn diversi rimedji legali). Ifisser biss pero' illi l-ingurjat ma jistax jagixxi kontra l-awtur b'akkuzi ta' malafama jew b'libell.

Illi r-raison d'etre tal-privilegg moghti mill-ligi tal-istampa fir-rigward ta' pubblikazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet bejn ufficjali pubblici, hija 'self-explanatory'. Il-ligi ma tistax tippermetti li kull darba li xi ufficjal pubbliku jhoss ruhu urtat b'xi ittra, ordni, 'warning' jew 'charge' etc, ikun jista' jipprevalixxi ruhu minn azzjoni ta' malafama jew libell kontra kollega tieghu. Dan multo magis f'sitwazzjoni ta' ufficjal ezekuttiv u subaltern tieghu. Altrimenti, jigi stultifikata s-sistema kollu tac-civil u ebda kap ta' sezzjoni jew divizjoni jew Dipartiment ma jkun jista' jaghti struzzjoni jew komunikazzjoni bil-miktub ghal biza' ta' proceduri kriminali kontra tieghu.

Illi ghar-rigward ta' paragrafu E tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-kwerelant (ara fol 461-469), jinghad illi l-privilegg permezz tal-Artiklu 33(b) ma jregix ukoll

minhabba li dan is-sub-inciz ghad-differenza tal-paragrafi l-ohra tal-Artiklu 33, jipprovdi illi:

***'Il-komunikazzjoni hija l-ittra nnifisha izda mhux ix-xandir iehor oltre din l-ittra jew x'kien fiha din l-ittra…mill-provi jirrizulta illi l-kontenut ta' din il-ittra jew siltiet minnha gie mxandar fuq ordni tad-Direttur u anke affarijiet ohra li lanqas kienu f'din l-ittra.'***

L-istess spjegazzjoni giet moghtija a fol 465 tal-istess nota tal-osservazzjonijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi minn fuq espost, il-Qorti tifhem illi l-kwerelant qieghed jissottometti li l-pubblikazzjoni privileggjata tkopri komunikazzjoni tal-ittra nnifisha, izda ma tkoprix ukoll ir-rapurtagg taghha fil-laqghat tal-awtorita' u sussegwenti jew dawk illi dehru fil-gazzetti fis-17 ta' Marzu 2001. U dan ghad-differenza ghall-paragrafi l-ohra tal-Artiklu 33 li jinkludi fil-privilegg pubblikazzjonijiet ta' rapporti dwar 'parliamentary debates' per ezempju.

Illi ghal dak li jirrigwardja r-rapurtagg tal-kontenut tal-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 u fil-laqgha tal-25 ta' Jannar 2001, din il-Qorti diga' pprenunzjat ruhha, u tifhem li giet stabbilita' l-prova ta' pubblikazzjoni skond il-ligi.

Din il-Qorti pero', ma tistax, f'dan l-istadju, ma tosservax li l-akkuza dedotta kontra l-imputat tindika biss **'l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001'**, liema ittra kienet ittra ta' twissija u minaccja ta' azzjoni dixxiplinarja. L-akkuza wkoll tindika **'u fil-gimghat ta' qabel.**'

Imkien pero' ma tissemma' fl-akkuza l-ittra tal-24 ta' Jannar 2001 li ssib il-htija fil-kwerelant, jew il-pubblikazzjoni tal-ittra jew siltiet minnha li dehret fit-Times of Malta fis-17 ta' Marzu 2001, liema ittri ghandhom semmai jitqiesu bhala ferm aktar detrementali ghall-kwerelant minn dik akkuzatorja tad-19 ta' Jannar 2001.

Illi sikkome dawn l-ittri mhumiex parti mill-akkuza, l-oggezzjoni taht il-paragrafu E tal-kwerelanti ma jreggix.

Illi, in oltre, il-Qorti rat u ezaminat id-decizjonijiet Pulizija vs Joseph Gauci, Appell Krim deciza fit-3 ta' Settembru 2001, u Carry Camilleri vs John Aquilina tas-16 ta' Mejju 1995, fejn gie dikjarat illi **'ikun hafna drabi aktar malafamanti akkuza vaga…'**.

Illi bir-rispett, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ittra tad-19 ta' Jannar 2001, kif segwita bl-ittra tal-24 ta' Jannar 2001, li hija 'written warning' li kkonkludiet il-htija tal-kwerelant, tista' tissejjah bhala akkuzi vagi u in arja.

Ghaldaqstant, certament dawn id-decizjonijiet ma jistghux jigu applikati ghall-kaz.

Illi il-Qorti, ghaldaqstant, ma ssibx illi l-kwerelant xejjen il-'blanket privilege' moghtija permezz tal-Artiklu 33(b) tal-Kap 248 b'oggezzjonijiet sollevati fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu u fin-nota responsiva.

Illi ghal dawn il-motivi kollha, din il-Qorti, filwaqt illi tafferma illi r-rapport illi kien ghamel Dr Degaetano l-kwerelant liz-zewg Enforcement Officers Joseph Bonnici u Joseph Zammit, ma kienx rapport falz, lanqas ma kien rapport inveritier, eroneja, skorrett jew hazin, tqis pero' illi l-pubblikazzjoni tal-ittra tad-19 ta' Jannar 2001 bhala pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni bejn ufficjali pubblici, u ghaldaqstant, pubblikazzjoni privileggjata taht l-Artiklu 33(b) tal-Kap 248, u ghaldaqstant, ma tista' tittiehed ebda azzjoni dwarha.

Illi ghaldaqstant, in vista ta' dan kollu, ikun ezercizzju futili ghalkemm facli illi l-Qorti tkompli biex tezamina fil-meritu l-elementi ta' identifikazzjoni u defamazzjoni f'dan il-kaz, u ghaldaqstant, tastjeni milli taghmel dan.

Illi ghal dawn il-motivi kollha, din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------